# ILĦNA TA' QNIEPEN

Mill-knisja ta' San Ġwann, b'ħoss tqil u mdejjaq,
Nisma' jitriegħed leħen ta' qanpiena;
Warajh iwieġbu oħrajn: f'siegħa ta' dwejjaq
Donnhom mis-Sema qed jittallbu ħniena.

—Ħniena u Mħabba u Sliem lil dawk il-ħlejjaq
Li qed jiġġieldu, u mill-ġlied għajjiena;
Mulej, il-ġnus mill-Marda kiefra fejjaq,
Ar'hom resqin għal mewt, siekta w ħosbiena.—

Mhux intom, Qniepen, li fl-eħrex taqtiegħa
Dwejtu, qalb waħda, 'l fuq mill-ħsejjes kbar,
U tlabtu jieqaf it-taqtigħ u n-nar?

Leħenkom fil-qalb jidħol u jagħniha
B'rabta ta' mħabba u bid-dmugħ ta' ndiema,
U jtenni b'leħen kiebi: Sliema! Sliema!

Ġużè Chetcuti.